**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru : 601/2017 JPG**
**Kawza Numru : 1**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**Vs**

**Eve Farrugia K.I numru 502475M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpannija Banif Bank (Malta) plc, datat 3 ta' Lulju, 2017, a fol 2 et seqq, li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u Vanessa Bugeja K.I. numru 85972 (M), ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti u li tafhom personalment:-*

1. *Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

2. *Illi l-konvenuta hija klijenta tal-kumpanija attrici u hadet minn ghandha s-self segwenti:*

I) *House Loan ta' mija u hamest elef Euro (€105,000) koncess permezz ta' Credit Agreement datat 4 ta' Dicembru 2009 (ara Dok. 'A') u kuntratt*

*pubblikat min-Nutar Dr Mario Bugeja fit-22 ta' Frar 2010 (ara Dok. 'B') u dan biex tiffinanzja l-akkwist tar-residenza taghha, u*

II) *Business Loan ta' mitejn u disghin elf Euro (€290,000) koncess permezz ta' Credit Agreement datat 6 ta' Novembru 2012 (ara Dok. 'C') u kuntratt pubblikat min-Nutar Dr Robert Micallef fit-13 ta' Gunju 2013 (ara Dok. ‚D') u dan biex tiffinanzja negozju;*

3. *Illi l-konvenuta naqset milli thallas lura dan is-self u l-bilanc dovut minnha fuq dawn il-facilitajjiet hu kif gej:*

I) *mija u wiehed eluf, disa' mija u tmienja u erbghin Euro u centezmu (€101,948.01), dovuti fuq il-House Loan fuq imsemmi, senjatament fuq Account numru 17779.71.1, li sad-9 ta' Gunju 2017, kienu jinkludu mghaxijiet ta' sebat elef, mitejn u sitta u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€7,266.88) (ara Dok. 'E'), u*

II) *tlett mija u tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u wiehed u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€323,951.22), dovuti fuq il-Business Loan fuq imsemmi, senjatament fuq Account numru 17779.71.2, li sad-9 ta' Gunju 2017, kienu jinkludu mghaxijiet ta' wiehed u hamsin elf, mija u tmienja u ghoxrin Euro u sitta u hamsin centezmu (€51,128.56) (ara Dok. 'F');*

4. *Illi minbarra dan is-self hemm ukoll dovut lill-kumpannija attrici minghand il-konvenuta is-somma ta' tmien mija u wiehed Euro u sebgha u tmenin centezmu (€801.87) li sad-9 ta' Gunju 2017, kienet tinkludi Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1.25) f'imghaxijiet (ara Dok. 'G'). Dan l-ammont hu dovut fuq il-Current Account numru 17779.10.1 li l-konvenuta ghandha mal-kumpannija attrici (ara Dok. 'H') u jikkonsisti fi spejjez bankarji varji relatati mal-House Loan u l-Business Loan fuq imsemmija;*

5. *Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenuta lill-kumpannija attrici sad-9 ta' Gunju 2017, kien t'erba mija u sitta u ghoxrin elf, seba' mija u wiehed Euro u ghaxar centezmi (€426,701.10);*

6. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:*

*I) kwantu l-House Loan u l-Business Loan fuq imsemmija, rispettivament ai termini tal-klawsola 13(l) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u tal-klawsola 9(o) tal-Credit Agreement markat Dok. 'C', u dan, ghax kif hemm stipulat, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija f'dawn il-Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u*

*II) kwantu l-Current Account fuq imsemmi, ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'I') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'J') marbuta mal-istess Current Account;*

*7. Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuta diversi drabi biex thallasha d-dejn, fosthom permezz t'ittri legali datati 20 t'Awissu 2014, 28 t'Awissu 2014 u 22 ta' Dicembru 2014 (ara Dok. 'K', Dok. 'L' u Dok. 'M' rispettivament), u ittra ufficcjali numru 240/2016 datata 25 ta' Jannar 2016 u prezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'N'), izda din baqghet inadempjenti;*

*8. Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

*9. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *tiddikjara li l-konvenuta saret debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €426,701.10; u*

3. *tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' €426,701.10;*

*Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mit-9 ta' Gunju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu: kwantu l-House Loan (account numru 17779.71.1) fuq imsemmi, ai termini tal-Credit agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'A' u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'O'); kwantu l-Business Loan (account numru 17779.71.2) fuq imsemmi, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'C'; u kwantu l-Current Account numru 17779.10.1 fuq imsemmi, ai termini tat-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'P'), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw appena l-konvenuta hadet il-facilitajjiet bankarji minghand il-kumpannija attrici.*

*L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

1. *sebgha fil-mija (7%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account numru 17779.71.1 imsemmi aktar 'l fuq (ara klawsoli 7 u 13(p) fuq Dok. 'A' fuq imsemmi), u*

2. *hdax fil-mija (11%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan numru 17779.71.2 imsemmi aktar 'l fuq, u dan ai termini ta' klawsoli 5 u 9(s) tal-Credit Agreement markat Dok. 'C'), u*

3. *ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account numru 17779.10.1 imsemmi aktar 'l fuq (ara marker bl-ahdar fuq Dok. 'P').*

*Il-konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Frar, 2018, Eve Farrugia baqghet kontumaci. (Vide fol 165);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijet;

**Ikkonsidrat:**

**Alfred Ferrante** xehed a fol 162 *et seqq.* u a fol 197 *et seqq.* illi huwa *manager* fi hdan il-*credit recoveries unit* tal-bank. Spjega illi l-intimata ilha klijenta tal-bank rikorrenti minn Jannar 2009, meta kienet inghatat *home loan* ta' €105,000 (fol 8) u kif ukoll *business loan* ta' €290,000 (fol 17). Kompla li eventwalment l-intimata kienet waqghat lura fil-pagamenti u l-bank kellu johrog *call in letter* u anke ntbghatet interpelazzjoni gudizzjarja fil-25 ta' Jannar 2016. Qal illi l-ahhar pagament li ghamlet l-intimata kien f'Dicembru 2014, u li ghalkemm kellu laqgha maghha fl-24 ta' April 2017 sabiex jintlahaq ftehim fuq il-pagamenti dovuti, izda dan kien ghal xejn. Zied illi l-intimata m'ghamlet l-ebda pagamenti fil-mori tal-kawza. Xehed ukoll illi l-*home loan* hija koperta minn ipoteka specjali fuq il-fond bl-indirizz 25, Castro Street, Naxxar, u l-*business loan* hija koperta minn ipoteka specjali fuq il-fond imsemmi u kif ukoll fuq il-fond bl-indirizz 6, Triq Ghabex, San Pawl il-Bahar. Ikkjarifika wkoll illi ghalkemm ir-rendikont jindika li hemm sistema ta' imghax kompost, fil-verita m'hemm l-ebda imghax kompost, ghaliex l-imghax jigi addebitat skont l-iskaletta ai termini tar-*repayment plan*. Spjega li ghalhekk il-klijent ihallas *late payment interest* fuq dik il-parti tal-pagament mensili li tmur ghal Kapital, u mhux fuq l-ammont kollhu dovut bhala pagament mensili.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat l-Artikoli 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi, wara li rat id-dokumenti ezebiti mil-bank rikorrenti u semghat

ix-xhieda ta' Alfred Ferrante, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. seqquens tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Billi mill-provi mhux kontradetti u t-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ippruvati, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:–**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12;**
2. **Tiddikkjara illi intimata hija debitrici tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' erba' mija u sitta u ghoxrin elf, sebgha mija u wiehed ewro u ghaxar centezmi (€426,701.10); u;**
3. **Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimata sabiex thallas is-somma ta' erba' mija u sitta u ghoxrin elf, sebgha mija u wiehed ewro u ghaxar centezmi (€426,701.10); u; bl-imghax legali dekorribbli mid-9 ta' Gunju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**